# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, 2024.**

**Numru 7**

**Rikors numru 283/13/1 RGM**

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota tal-14 ta' Ottubru 2014 Enemalta plc (C-65836) assumiet l-atti minflok Korporazzjoni Enemalta**

**v.**

**Cassar Fuel Limited (C-28453)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell inċidentali mressaq mill-kumpanija attriċi Enemalta plc dwar minn meta għandu jitlaq l-imgħax fuq is-somma ta' €17,605.17, li b'sentenza finali ta' nhar il-31 ta' Ottubru, 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkundannat lill-kumpanija konvenuta Cassar Fuel Limited sabiex tħallas lill-kumpanija attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-22 ta' Marzu, 2013, il-Korporazzjoni Enemalta (illum Enemalta plc) fissret li nhar l-4 ta' Diċembru, 2006 hija ġarrbet ħsara fil-*hose pipe* tagħha, fl-ammont ta' €1,816.91, waqt operazzjoni ta' ppumpjar ta' karburant mill-faċilità ta' Ħas-Saptan għal ġol-vapur Sacro Cuor, li huwa ġid tal-kumpanija konvenuta Cassar Fuel Limited. Barra minn hekk, il-Korporazzjoni Enemalta tgħid li hija kellha tħallas ukoll is-somma ta' €13,102.73 lil Cassar Ship Repairs Limited sabiex tnaddaf il-baħar miż-żejt li nxtered flimkien mas-somma ta' €2,685.53 bħala taxxa fuq il-valur miżjud. B'kollox il-Korporazzjoni Enemalta qalet li ġarrbet ħsara ta' €17,605.17.

3. Minkejja li l-kumpanija konvenuta ġiet mitluba ħafna drabi, anke b'ittri uffiċjali, sabiex tħallas din is-somma kollha ta' €17,605.17 hija baqgħet ma ħallsithomx. Minħabba f'hekk, hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. tiddeċiedi u tiddikjara li s-soċjetà Cassar Fuel Limited hija responsabbli għall-inċident li seħħ fl-4 ta' Diċembru 2006 u konsegwentement għad-danni kkawżati lill-Korporazzjoni Enemalta;*
>
> *2. tillikwida d-danni hekk kkawżati lill-Korporazzjoni Enemalta fis-somma ta' sbatax-il elf sitt mija u ħames ewro u sbatax-il ċenteżmu (€17,605.17c) jew somma verjuri li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi;*
>
> *3. tikkundanna lis-soċjetà Cassar Fuel Limited tħallas lill-Korporazzjoni*

*Enemalta s-somma hekk likwidata;*

*Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittri uffiċjali ppreżentati mill-Korporazzjoni Enemalta u datati 20 ta' Lulju 2007,10 ta' Ġunju 2009 u 8 ta' April 2011 u bl-imgħax legali mid-data tal-ħsara sal-effettiv pagament kontra s-soċjetà intimata minn issa inġunta in subizzjoni.»*

4. Il-kumpanija konvenuta Cassar Fuel Limited wieġbet fid-9 ta' April, 2013 u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi s-soċjetà esponenti tirrespinġi bil-qawwa kollha, kif del resto dejjem għamlet sa min dakinhar tal-allegat inċident, it-talbiet attriċi li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u kull dannu riżultanti jkun unikament sopportat u imputabbli biss għall-Korporazzjoni Enemalta attriċi u dan kif ser jirriżulta ampjament waqt is-smigħ tal-provi u kwindi ċertament ma hemmx ebda responsabbiltà ta' danni li għandhom jiġu likwidati kontra s-soċjetà intimata.*

*2. Illi jsegwi illi l-ammont ta' €17,605.17 jew somma anqas verjuri li jista' talvolta jirriżulta ma jista' qatt jiġi likwidat kontra s-soċjetà intimata iżda sopportat mill-istess Korporazzjoni.*

*3. Illi konsegwentement is-soċjetà intimata ċertament ma tistax tiġi kkundannata tħallas ebda somma likwidata.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-azzjoni hija preskritta stante illi s-soċjetà intimata bi ksur tal-Artikolu 2149 u 2153 tal-Kodiċi Ċivili Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li qatt ma ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali tal-10 ta' Ġunju 2009 u konsegwentement l-azzjoni hija in kwalsiasi każ ċertament preskritta.*

*5. Illi ulterjorment is-soċjetà intimata mhijiex il-leġittimu kontradittur stante illi l-vapur Sacro Cuor mhuwiex il-proprjetà tas-soċjetà intimata iżda tas-soċjetà Diane Holdings Limited.*

*6. Illi anke s-sekwenza tar-rapporti konklużi ex parte jikkontradixxu l-verità tal-fatt stante illi anke mil-laqgħat li saru dejjem ġie attribwit il-ksur tal-hose pipe proprjetà tal-Korporazzjoni illi mhuwiex minnu illi, allegatament ingħalqu xi valves waqt l-operazzjoni tal-loading tal-fuel. Dan żgur ma kienx il-każ tant illi jirriżulta ex admissis illi l-ksur tal-hose pipe seħħ proprju 13.10 hrs (Events Itinerary; Loading of the gasoil stopped due to failure of hose) u 14.55 hrs (Loading of the gas oil continued) (vide tielet (3) paġna Report Doc A esibit). Dan jikkonferma t-teżi tas-soċjetà intimata li hija ma setgħetx għalqet, jew kellha raġuni tagħlaq il-fuel valves meta l-loading of fuel kien kien għad fadallu u t-tankijiet kienu għadhom mhux mimlija u ma setgħet qatt tikkawża pressjoni fuq l-hose.*

*7. Illi għalkemm il-hose ġiet ċertifikata mis-surveyor Daniel Grima flt-2 ta' Marzu 2006, l-inċident seħħ fl-4 ta' Diċembru 2006, diversi xhur wara; wara li l-Enemalta użat l-imsemmija hose proprjetà tagħha litteralment ta' kuljum u b'kontinwità sabiex tgħabbi l-fuel kollu lill-vapur lokali ta' sidien varji. Kien sempliċement kif jikkonferma l-istess rapport, failure tal-imsemmija hose li mhijiex prorpjetà tas-soċjetà intimata iżda tal-Korporazzjoni Enemalta u għalhekk għandha u kellha tkun hi responsabbli għal kull dannu emerġenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2013, il-kumpanija konvenuta rtirat ir-raba' eċċezzjoni tagħha dwar il-preskrizzjoni (ara paġna 52 tal-atti tal-kawża) u b'nota tal-14 ta' Ottubru, 2014 (ara paġna 107 tal-atti tal-kawża), Enemalta plc kompliet il-kawża minflok il-Korporazzjoni Enemalta skont l-**Artikolu 3(2)** tal-**Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta**.

6. B'sentenza parzjali mogħtija fl-1 ta' Ġunju, 2016, l-Ewwel Qorti ċaħdet il-ħames eċċezzjoni dwar l-illeġittimità passiva tal-kumpanija konvenuta.

7. Imbagħad b'sentenza finali mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2019, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet tal-kumpanija attriċi u ordnat b'hekk lill-kumpanija Cassar Fuel Limited sabiex tħallasha s-somma ta' €17,605.17 bħala danni għall-inċident li seħħ fl-4 ta' Diċembru, 2006, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż kontra Cassar Fuel Limited, magħduda magħhom

dawk tal-ittri uffiċjali tal-10 ta' Lulju, 2007, tal-10 ta' Gunju, 2009 u tat-8 ta' April, 2011.

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

*«**Provi**.*

*Fl-4 ta' Diċembru 2006 kienet qiegħda ssir operazzjoni ta' pumpjar ta' fuel mill-istazzjoni ta' Ħas-Saptan għal Marine Terminal f'Ras Ħanżir u sussegwentement għal vapur Sacro Cour, proprjetà tas-soċjetà konvenuta. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-istazzjoni ta' Ħas-Saptan huwa madwar erba' (4) kilometri 'l bogħod mit-Terminal f'Ras Ħanżir, u li tnejn huma proprjetà tas-soċjetà rikorrenti.*

*Il-fuel bejn it-Terminal u l-vapur kien qiegħed jiġi ppumpjat minn ġo manka / hose pipe, proprjetà tal-Enemalta plc. Diversi kienu t-tankijiet abbord il-vapur li riedu jimtlew. Jirriżulta li kull tank huwa mgħammar b'valv separat li kien qiegħed jiġi kkontrollat mill-ekwipaġġ tas-soċjetà konvenuta abbord l-istess vapur waqt l-imsemmija operazzjoni. Ġara li wara tletin (30) minuta ta' din l-operazzjoni l-hose pipe iċċarat. Is-soċjetà rikorrenti tispjega li dan seħħ minħabba liquid hammering u ċjoè: «sudden stopping and starting of the liquid delivery in the supply lines. These sudden changes in liquid velocity, deliver an intense impact load down the*
*entire liquid line to the accessories» (Definizzjoni mogħtija mill-esperti ex parte tas-soċjetà rikorrenti - paġna 7 tal-proċess).*

*Minħabba dan it-tiċrit fil-pajp ġara li l-fuel li kien għaddej minnu spiċċa jtir ma kullimkien inkluż fil-baħar. Kien għalhekk li s-soċjetà rikorrenti ħadet dawk il-passi neċessarji sabiex timminimizza l-ħsara fuq l-ambjent u dan għamiltu billi ġie kontenut u miġbur il-fuel li pperkola ġol-baħar u dan bl-assistenza tal-kumpanija Cassar Ship Repair Limited.*

*Is-soċjetà rikorrenti tispjega li dawn id-danni ġew ikkawżati minħabba nuqqasijiet imputabbli lis-soċjetà konvenuta u kien għalhekk li s-soċjetà Enemalta intavolat dawn il-proċeduri sabiex tiġbor id-danni li hija sofriet fis-somma totali ta' sbatax-il elf, sitt mija u ħames Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€17,605.17).*

*....*

***• Mili tat-tankijiet***

*Mhuwiex kontestat bejn il-partijiet li hemm proċedura ta' kif għandu jsir il-mili tat-tankijiet. Għandu jingħad qabel xejn li t-tankijiet abbord il-barges huma maqsumin f'numru ta' fillieri separati, b'dan li kull filliera jkollha żewġ tankijiet, wieħed fuq ix-xellug u l-ieħor fuq il-lemin, sabiex waqt li jkun qiegħed jimtela l-vapur ma jkunx hemm piż eċċessiv fuq naħa iżda jinqasam proporzjonalment fuq iż-żewġ naħat. Meta timtela filliera, tinbeda filliera oħra (Proċedura spjegata minn Charles Cardona fl-affidavit tiegħu f'paġna 61 tal-proċess). L-Inġinier Philip Borg jispjega li: «Meta tank ikun wasal biex jimtela, l-ewwel jinfetaħ it-tank li jkun ser jimtela warajh, imbagħad jingħalaq l-ewwel tank. B'hekk ikun assigurat li l-passaġġ tal-fuel qatt ma jkun interrott. Dan ix-xogħol isir fuq il-barge u jsir mill-crew tagħha li jkun fuq il-vapur u allura jkun jaf eżatt x'qiegħed jiġri fit-tankijiet tal-vapur» (Paġna 55 tal-proċess).*

*Dak li ma jaqblux fuqu l-partijiet huwa x'kien li kkawża t-tiċrita fil-manka. Filwaqt li s-soċjetà rikorrenti tispjega li kien l-ekwipaġġ li naqas milli jiftaħ il-valv tat-tank li kien imiss qabel għalqa l-valv ta' dak it-tank li kienu qed jimlew, is-soċjetà konvenuta tgħid li kienu l-impjegati tas-soċjetà rikorrenti li għalqu l-valv min-naħa tagħhom.*

***• X'ikkawża t-tiċrita fil-manka?***

*...*

*Din il-Qorti tosserva li għalkemm is-soċjetà konvenuta nnegat mill-ewwel fir-risposta ġuramentata tagħha li l-ekwipaġġ tagħha ma kienx għalaq il-valv minn fuq il-vapur, imkien ma semmiet fir-risposta tagħha li kienu l-impjegati tal-Enemalta li għalqu l-valv, din id-difiża bdiet tintuża waqt xi kontroeżamijiet li kien qiegħed jagħmel il-legali tas-soċjetà konvenuta.*

*L-operazzjoni mertu tal-kawża kienet qiegħda tiġi regolata mill-ekwipaġġ fis-sens illi kien l-ekwipaġġ li kellhom jagħtu indikazzjoni lill-impjegati tal-Enemalta li ser iwaqqfu l-konsenja u allura jagħtu l-istand-by xi ħin qabel ikun ser iwaqqfu l-konsenja (dik li hija magħrufa bħala barge stop). Meta tingħata din l-indikazzjoni l-ħaddiema tal-Enemalta jippreparaw sabiex iwaqqfu l-fluss tal-fuel billi jibdew jagħlqu l-valvi bil-mod min-naħa tagħhom u jinfurmaw lill-kollegi tagħhom ġewwa Ħas Saptan li qegħdin fuq stand-by.*

*Ġara li l-ekwipaġġ ma kienx ta din l-ordni ta' stand-by u għalhekk l-impjegati tal-Enemalta ma kinux f'pożizzjoni li jagħlqu l-fluss ġaladarba ma kinux ordnati jagħmlu hekk mill-ekwipaġġ (Inġ. Philip Borg fl-affidavit tiegħu f'paġna 55 – 56 tal-proċess josserva li: «l-manka infaqgħet bħala riżultat ta' pressjoni ogħla u dan seta' jiġi kkawżat biss minn għeluq tal-valves fuq il-vapur u mhux min-naħa tal-Korporazzjoni li qatt ma ngħatat xi sinjal li kellha twaqqaf l-operazzjoni.» In oltre, din il-Qorti hija kemmxejn perplessa kif id-difiża tas-soċjetà konvenuta fl-argumenti finali tagħha kompliet tinsisti li l-valv kien ġie magħluq mis-soċjetà rikorrenti meta Stephen Cassar stess, iben wieħed mid-Diretturi*

*tal-kumpanija konvenuta kif ukoll ħaddiem fl-istess kumpanija fl-affidavit tiegħu qal li*

> *«Kienu tal-Enemalta li waqqfu l-pressa tal-fuel billi għalqu l-valve tal-moll kif intebħu li l-fuel spara fuq il-barge u fuq il-moll u fil-baħar» (Enfasi miżjud. Paġna 227 tal-proċess).*

*Ix-xhieda ta' Stephen Cassar tikkorrobora x-xhieda tas-soċjetà attriċi illi l-valv fuq il-moll kien għadu miftuħ meta l-manka ġarbet il-ħsarat. In oltre, bħalma diġà ġie spjegat aktar 'il fuq, il-barge għandha l-valves li tikkontrolla l-fluss tal-fuel. L-Inġinier imqabbad f'isem is-soċjetà konvenuta, Daniel Grima fir-rapport tiegħu ikkonferma li: «the tanker operators were responsible to open, close and/or throttle the loading valves to ensure no oil spills would occur from the vessel and this appeared to have been the case on this occasion. At the same time the terminal personnel were responsible to open, close and / or throttle the terminal manifold loading valves to prevent excessive pressures on their hose string and the ship's lines. To assist them (Enemalta Operators) maintain a constant and low pressure on the hose string the terminal manifold is equipped with pressure gauges» (Paġna 249F tal-proċess).*

*Lanqas huwa loġiku li l-manka ċċartet għax ingħalaq il-valv minn fuq il-moll. Il-pressa dejjem ser tinbena mill-għeluq tal-valv lura u mhux 'il quddiem, fis-sens illi jekk għall-argument il-valv ingħalaq minn fuq il-moll u l-valv tal-barge kien għadu miftuħ, il-pressa mhux ser tinbena bejn il-moll u l-barge għaliex il-fuel li kien hemm fil-manka kien ser jiġi mixħut fit-tank u b'hekk l-ebda ħsara fuq il-manka ma seta' jsir. Min-naħa l-oħra, dejjem bl-istess argument li l-valv kien magħluq minn fuq il-moll, il-pressa ser tinbena bejn Ras Ħanżir (u ċjoè mill-moll) u Ħas-Saptan (minn fejn toħroġ il-provvista tal-fuel) u l-ħsara ssir hemmhekk.*

*...*

***• Preżenza tal-ħaddiema tal-Enemalta fuq il-moll***

*Fl-affidavit tiegħu Stephen Cassar prodott mis-soċjetà konvenuta xehed li n-«nies tal-Enemalta ma kien hemm ħadd la ħdejn il-valve u l-anqas ħdejn il-valve li jkun fuq il-moll» (Paġna 227 tal-proċess). Permezz ta' dan ix-xhud is-soċjetà konvenuta qed issostni li l-ħaddiema tal-Enemalta ma kinux preżenti fuq il-moll waqt l-operazzjoni u kien għalhekk li huma ma setgħux jaraw jekk l-ekwipaġġ fetħux il-valv li kien imiss minn fuq il-vapur.*

*Mis-survey report tal-Inġinier Daniel Grima, espert ex parte tas-soċjetà konvenuta, a punto vergine niżżel hekk: «During the operation, communication between ship and terminal was by verbal communication as the terminal personnel were standing by the terminal manifold valves adjacent to the vessel within a few meters» (Enfasi miżjud. Paġna 249E tal-proċess).*

*Dan ġie kkonfermat ukoll minn Charles Cardona fix-xhieda tiegħu fejn xehed li huwa kien preżenti fuq il-moll u li kienet qed issir kommunikazzjoni verbali bejnu u bejn in-nies fuq il-barge, liema barge tkun tmiss mal-moll u hija baxxa, ix-xhud juża l-kliem »eye level» (Paġna 140 tal-proċess.) Tant kien fuq il-moll u mhux fil-kamra kif qiegħda tallega s-soċjetà konvenuta li fuq mistoqsija tal-legali tal-imsemmija soċjetà jekk huwa daħalx biex iċempel, ix-xhud qal li kien hemm kollega tiegħu viċin il-kamra li ġera huwa biex iċempel Ħas Saptan (Paġna 143 tal-proċess):*

> *«Dr. Matthew Brincat: Issa meta nqala' l-inċident, inti dħalt, x'għamilt?*
>
> *Xhud: Mhux jien ġrejt. Kien hemm ieħor fil-viċin li ġera biex iċempel.»*

***• Il-kundizzjoni tal-manka***

*Mir-risposta ġuramentata tagħha s-soċjetà konvenuta tagħti x'tifhem li l-użu ta' kuljum tal-manka ġġib magħha kedd bl-użu (wear and tear). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tgħid li l-manka 'kienet misjura' u li 'kellha kważi 20 sena'. Huwa ben saput li min jallega jrid jipprova u għalhekk kien jeħtieġ li s-soċjetà konvenuta ġġib prova konkreta li l-manka kienet misjura bl-użu u li kienet ilha tintuża għal 20 sena.*

*Kuntrarjament għal dak li qiegħda tgħid is-soċjetà konvenuta, mill-provi prodotti jirriżulta li l-Inġinier Daniel Grima, fis-16 ta' Jannar 2006 ħareġ ċertifikat, li huwa validu għal sena, li juri li l-manka ġiet minnu eżaminata u jgħid li l-kundizzjoni tagħha hija waħda sodisfaċenti. Ma' dan jgħid ukoll li saru: «hydrostatic pressure test of 7.5 bars and pressure held for about 15 minutes without failure» (Paġna 11 tal-proċess). Huwa kkonkluda li l-manka: «is suitable for fuel transfer operations at a safe working pressure not more than 5 bars» (Paġna 11 tal-proċess). Waqt ix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Marzu 2014 l-Inġinier Grima spjega li huwa jiċċekkja jekk hemm «physical damages» u jekk għalkemm ikun għadda mill-pressure test imma viżwalment jidher li jista «jisparaw aktar tard [...] nikkundannawhom» (Paġna 89 tal-proċess).*

*Il-Qorti tosserva li meta kien imqabbad mis-soċjetà konvenuta sabiex iħejji rapport tal-inċident l-Inġinier Grima ddikjara li: «its condition was rather well used.» Huwa għalhekk biss f'dan l-istadju li ħarġet din il-kontradizzjoni bejn dak li kien qal ix-xhud ħdax-il xahar qabel.*

*Kuntrarju għal dak li qiegħda tisħaq issa s-soċjetà konvenuta, tirriżulta dikjarazzjoni ffirmata mill-kaptan tal-vapur stess u ċjoè x-Ship-shore Safety Check List li minnha jirriżulta li kien qabel li: «cargo and bunker hose/arms in good condition and properly rigged and where appropriate certificates checked» (Paġna 15 tal-proċess). Ix-xhieda kunfliġġenti mressqa mis-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward jirrendi l-allegazzjoni tal-«wear and tear» bħala mhux sodisfaċentment ippruvat. Għall-kuntrarju, iċ-ċertifikazzjoni li kien għamel l-istess Inġinier Daniel Grima*

*fuq il-hose pipe ftit xhur qabel turi li fuq bażi ta' probabilità l-manka kienet f'kundizzjoni tajba fil-ħin tal-inċident. Fi kwalunkwe każ is-socjetà konvenuta naqset milli ġġib provi sabiex issostni l-allegazzjoni tagħha li l-manka kienet misjura biż-żmien u l-użu.*

*L-argument l-ieħor tas-soċjetà konvenuta huwa li l-manka għandha kważi 20 sena. Mhuwiex ikkontestat mis-soċjetà rikorrenti li l-hose pipe ġie manifatturat fl-1987, però huwa l-espert tekniku mqabbad mis-soċjetà konvenuta stess li waqt il-kontroeżami mil-legali tas-soċjetà konvenuta tal-10 ta' Marzu 2014 li stqarr li għalkemm il-manifattura tal-pipe kienet fl-1987 «mhux bilfors ikun ilu jintuża min-nineteen eighty seven (1987) [...] jista' jkun li kien storjat x'imkien u erba (4) snin wara, ħames (5) snin wara jew dakinhar stess beda jintuża» (Paġna 90 tal-proċess). Anka hawn għalhekk lanqas ġie speċifikament determinat kemm kien ilu in użu l-hose pipe inkwistjoni u l-fatt waħdu li l-manka ġiet manifatturata kważi 20 sena qabel seħħ l-inċident ma jwassalx waħdu għall-konklużjoni li l-inċident seħħ minħabba difett fil-hose pipe inkwistjoni.*

***• Mezz ta' kommunikazzjoni***

*Il-Qorti tosserva li fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha, is-soċjetà konvenuta tallega li: «ma hemm ebda kommunikazzjoni bejn l-impjant ta' Ħas-Saptan u ix-Xatt f'Ras Ħanżir fejn il-vapuri jidħlu mal-moll sabiex jgħabbu l-fuel» (Paġna 290 tal-proċess). Mill-provi prodotti fosthom mix-xhieda ta' Anthony Camilleri u r-ritratti minnu prodotti juru li a contrario ta' dak allegat mis-soċjetà konvenuta, jirriżulta li hemm kommunikazzjoni diretta permezz tat-telefon. Dan l-istess xhud jispjega li peress li huma jaħdmu taħt l-art, għalxejn jippruvaw jikkommunikaw bir-radju għaliex huwa impossibbli li dan jaqbad. Is-soċjetà konvenuta b'mod ripetittiv tgħid li l-mezz ta' kommunikazzjoni bejn Ras Ħanżir u Ħas-Saptan huwa wieħed fi «stat primittiv» (Paġna 293 tal-proċess) u «topera b'mezzi antiki» (ibid.). Għalkemm is-soċjetà konvenuta tagħmel dawn l-allegazzjonijiet, ma ġabet l-ebda prova li din hija sistema antika u li kkontribwiet għall-akkadut.*

*Fi kwalunkwe każ, kif ġa supra osservat, dawn il-kontestazzjonijiet min-naħa tas-soċjetà konvenuta huma irrelevanti għall-każ odjern u dan għaliex il-ħsara li saret ma kinitx bejn Ras Ħanżir u Ħas-Saptan iżda fuq il-moll stess.*

*Ikkunsidrat*

*Mill-provi okulari miġjuba mis-soċjetà rikorrenti kif ukoll mill-esperti tekniċi li tresqu, din il-Qorti hija konvinta u sodisfatta li s-soċjetà rikorrenti irnexxielha tipprova fil-grad rikjest mil-liġi u ċjoè fuq bilanċ ta' probabbilità, li l-ħsara ġiet ikkawżata billi ingħalaq il-valv min-naħa tal-ekwipaġġ li s-soċjetà konvenuta hija minnhom responsabbli u naqsu milli jiftħu l-valv li kien imiss qabel ma għalqu l-valv li minnu kienu qed jimlew. Dan jingħad ukoll fid-dawl li s-soċjetà konvenuta ressqet lil*

*Stephen Cassar biss bħala xhud okulari, li kien fuq il-moll ħdejn l-operaturi tal-Enemalta, u naqset milli tipproduċi lill-ekwipaġġ li kienu qegħdin jimmaniġġjaw proprju l-mili tat-tankijiet fuq il-vapur, li kienu jkunu l-aħjar xhieda li s-soċjetà konvenuta setgħet iġġib.*

*Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi illi għall-akkadut hija responsabbli s-soċjetà konvenuta.*

*Ikkunisdrat;*

***Danni**.*

*Hekk determinat li l-ħtija għall-akkadut mertu ta' din il-kawża hija tas-soċjetà konvenuta, jonqos li jiġu kkunsidrati d-danni reklamati mis-soċjetà attriċi.*

*...*

*Is-soċjetà attriċi qed titlob li s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' sbatax-il elf sitt mija u ħames ewro u sbatax-il ċenteżmu (€17,605.17). Godfrey Scicluna, il-Financial Controller tas-soċjetà attriċi u Tony Cassar mis-soċjetà Cassar Ship Repair Ltd xehdu u ppreżentaw diversi dokumenti dwar l-ammont li qed titlob is-soċjetà attriċi. Ma jirriżultax li dawn ix-xhieda sarilhom kontroeżami. Il-kontestazzjoni fis-somma saret fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tas-soċjetà konvenuta. Din il-kontestazzjoni qiegħda tiġi bbażata fuq l-ammont ta' elfejn, mija u tlieta u erbgħin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€2,143.94) mitlub mis-soċjetà Enemalta f'kawża simili kontra soċjetà oħra fil-kawża fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta v. Falzon Service Station Limited et (Ċit Nru 202/2009)** deċiża mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-11 ta' Jannar 2011 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-28 ta' Ġunju 2011. Dik it-talba kienet ġiet milqugħa mill-Qorti u ordnat lill-konvenuti f'dik il-kawża jħallsu l-ammont hekk mitlub. Jiġi osservat illi li l-ammont indikat fl-imsemmija sentenza huwa identiku għall-ammont li hemm f'dokument **GS1 (**Paġna 103 tal-proċess) ippreżentat minn Godfrey Scicluna u għalhekk xejn m'hu minnu li qed jintalab ammont aktar minn dak li ntalab fil-kawża surreferita. Id-differenza li hemm bejniethom, huwa li fil-każ in eżami jirriżulta li kien jeħtieġ l-assistenza ta' kumpanija terza sabiex tkun tista' tiġbor il-fuel mill-baħar, filwaqt li fis-sentenza kwotata jirriżulta li dik l-assistenza ma kinitx meħtieġa. Ebda prova kuntrarja ma ġiet prodotta mis-soċjetà konvenuta.*

***Imgħax Legali u Danni da Liquidarsi.***

*Is-soċjetà attriċi qed tirreklama wkoll l-imgħax legali mid-data tal-ħsara sal-effettiv pagament. Fil-fehma tal-Qorti it-talba għall-ħlas tal-imgħax "mid-data tal-ħsara" mhijiex fondata.*

*In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell*

> ***Vincente Grech et v. Onor. Prof. AIC John Gatt noe** tal-24 ta' Ottubru, 1941 fejn ġie deċiż illi: « ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imgħax jibda jiddekorri mill-ġurnata tal-likwidazzjoni.»*
>
> *F'sentenza fl-ismijiet **Maria Ellul Bonnici et v. Felice Mercieca et** noe tas-26 ta' April, 1950 il-Qorti Ċivili Prim'Awla sahqet illi: «L-imgħaxijiet ma humiex dovuti mill-ġurnata tat-talba meta d-debitu jkun inċert u illikwidu, iżda mill-jum tal-likwidazzjoni u tal-approvazzjoni tagħha.»*
>
> *Spjegat illi dan il-prinċipju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit in mora.*
>
> *B'applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti tqis illi l-imgħax fuq l-ammont likwidat b'sentenza għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza; anke għaliex fl-ittra uffiċjali tagħha tat-8 ta' April 2011 (Paġna 26 tal-proċess) il-korporazzjoni attriċi ma talbitx il-ħlas ta' somma likwida iżda talbet lis-soċjetà konvenuta tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha mġarrba mill-Korporazzjoni.»*

9. Il-kumpanija konvenuta Cassar Fuel Limited appellat b'mod ewlieni minn din is-sentenza b'rikors imressaq fid-19 ta' Novembru, 2019, iżda r-rikors tal-appell tagħha ġie ddikjarat bħala deżert minn din il-Qorti fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023 għaliex hija baqgħet ma ħallsitx il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell tagħha (ara paġna 376 tal-atti tal-kawża).

10. Min-naħa l-oħra l-kumpanija attriċi appellat b'mod inċidentali minn din is-sentenza fil-11 ta' Diċembru, 2019, b'aggravju wieħed li jolqot l-imgħax. Fil-qosor ħafna l-kumpanija attriċi talbet biex l-imgħax fuq is-somma ta' €17,605.17 jibda jitlaq mid-data tal-inċident tal-4 ta' Diċembru, 2006 jew alternattivament minn data li m'għandhiex tkun aktar tard mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf.

11. Għad li l-kumpanija konvenuta Cassar Fuel Limited ġiet notifikata bl-appell inċidentali fit-18 ta' Diċembru, 2019 (ara l-warrani ta' paġna 348 tal-atti tal-kawża), hija għażlet li ma ddaħħal l-ebda tweġiba.

12. Inżamm smigħ fit-18 ta' Jannar, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. L-aggravju waħdieni fl-appell inċidentali tal-kumpanija Enemalta plc, li sejjer jiġi deċiż f'din is-sentenza, għandu x'jaqsam biss mal-kwistjoni dwar minn meta għandu jibda għaddej l-imgħax fuq is-somma ta' €17,605.17, li Cassar Fuel Limited ġiet ikkundannata tħallas lil Enemalta plc bħala danni li seħħew fl-4 ta' Diċembru, 2006, waqt l-operazzjoni tal-ippumpjar tal-karburant għal fuq il-bastiment Sacro Cuor.

14. Enemalta plc ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-imgħax fuq is-somma ta' €17,605.17 għandu jitlaq mid-data tas-sentenza appellata mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2019. Mod ieħor hija qiegħda tippretendi fl-appell inċidentali tagħha li l-imgħax għandu jitlaq mid-data tal-inċident tal-4 ta' Diċembru, 2006 jew inkella minn data li m'għandhiex tkun aktar tard mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf fit-3 ta' April, 2013.

15. Hija tispjega li t-tilwima li hemm bejn il-partijiet għandha x'taqsam ma' atti tal-kummerċ skont l-**Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** għaliex tinvolvi l-operazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali u l-operazzjoni ta' bastiment. Tisħaq għalhekk li tgħodd ir-regola msemmija fl-**Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li tgħid li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali, allura l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi mwettqa.

16. F'dan ir-rigward Enemalta plc tgħid li ż-żejt ġie mnaddaf fl-4 ta' Diċembru, 2006, jiġifieri dakinhar stess meta nfaqa' l-pajp waqt l-operazzjoni tal-ippumpjar. Iżżid tgħid li f'dak il-jum hija bagħtet ukoll fattura lil Cassar Fuel Limited bl-ammont ta' €17,605.17 (ara paġna 20 tal-atti tal-kawża) u tatha żmien ta' erbatax-il jum biex tħallas dan il-kont. Minħabba f'hekk hija ssostni li l-imgħax fuq is-somma ta' €17,605.17 għandu jitlaq mill-4 ta' Diċembru, 2006 jew mit-18 ta' Diċembru, 2006, meta għaddew l-erbatax-il jum.

17. Bħala pożizzjoni ta' riżerva (*fallback position*) Enemalta plc tgħid li l-imgħax legali żgur ma setax jitlaq aktar tard mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf, għaliex hemmhekk is-somma ta' €17,605.17 terġa' tissemma speċifikatament.

18. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha tikkundanna l-ħlas tal-

imgħax mid-data tas-sentenza tagħha għaliex qieset li s-somma ta' €17,605.17 ġiet likwidata biss dakinhar li tat is-sentenza.

19. Fil-fehma ta' din l-Qorti huwa rilevanti ħafna f'dan il-każ, dak li jgħid l-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili**, li jitkellem dwar l-obbligu fuq il-midjun li jħallas l-imgħax minħabba li ma jkunx ħallas dejnu fil-ħin. Fl-ispeċifiku, dan l-artikolu jgħid li jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, allura d-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.

20. Jidher li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li Cassar Fuel Limited ma kellhiex tħallas imgħax fuq l-ammont ta' €17,605.17 minħabba l-prinċipju li, *in illiquidis non fit mora*, li jfisser li debitur ma jistax jitqies li dam biex iħallas, jekk id-dejn tiegħu ma jkunx wieħed likwidat jew determinat.

21. M'hemmx għalfejn ngħidu, li din il-Qorti taqbel ma' dan il-prinċipju ġenerali, li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu mill-ġurnata tal-likwidazzjoni tagħhom. Kemm hu hekk, insibu miżmum fil-ġurisprudenza, li bħala regola, l-imgħaxijiet mhumiex dovuti mill-ġurnata tat-talba meta d-dejn jkun inċert u illikwidu, iżda mill-jum tal-likwidazzjoni u tal-approvazzjoni tiegħu mill-Qorti (ara ***Innocent Farrugia et v. Godwin Duca et*** deċiża

mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020).

22. Madankollu huwa minnu wkoll li l-ġurisprudenza tgħidilna li hemm każijiet fejn anke meta l-ammont ma jkunx determinat minn qabel, l-imgħaxijiet xorta waħda jistgħu jiġu maħduma u mogħtija minn data li tiġi qabel is-sentenza li tkun illikwidat dak l-ammont. Hekk pereżempju fis-sentenza ***Silvana Zammit et v. Middlesea Insurance p.l.c.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2010 ingħad li l-massima *in illiquidis non fit mora* ma tgħoddx meta l-likwidazzjoni tal-kreditu ma tkunx saret jew tkun ġiet imdewma bi ħtija tal-konvenut (ara wkoll ***Claire Borg v. Victor Zammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2008, ***Perit John M. Gambina v. Fithome Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju, 2011 u ***Tania Vassallo v. Anna Rita sive Anita Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2014).

23. Ir-raġuni ewlenija għaliex il-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora* jista' jiġi injorat f'każijiet bħal dawn, hija biex ma jingħatax vantaġġ lill-parti debitriċi, li bi ħtija tagħha, il-likwidazzjoni ma tkunx setgħet issir qabel (ara ***Alfred Schembri v. Dr Louis Buhagiar M.D***. deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1997 u ***Anthony Mifsud et v. Raymond Martin Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju, 2020).

24. Fil-każ tagħna l-ammont ta' €17,605.17, li Enemalta plc (u qabilha l-Korporazzjoni Enemalta) kienu qegħdin jippretendu li għandhom jiġu mħallsa mingħand Cassar Fuel Limited bħala danni mġarrba b'riżultat tal-inċident bil-*hose pipe*, kien ġie determinat u likwidat mill-attriċi dakinhar li seħħ l-inċident fl-4 ta' Diċembru, 2006. Fil-fatt, dak il-jum stess l-attriċi kienet ħarġet fattura lil Cassar Fuel Limited sabiex tħallasha s-somma ta' €17,605.17 (ara paġna 20 tal-atti tal-kawża).

25. Billi Cassar Fuel Limited baqgħet ma ħallsitx dan l-ammont, il-Korporazzjoni Enemalta fid-19 ta' Jannar, 2007 kienet bagħtitliha ittra biex twettaq dan il-ħlas ta' €17,605.17 (ara paġna 19 tal-atti tal-kawża). Cassar Fuel Limited wieġbet lura għal din l-ittra fis-7 ta' Frar, 2007 (ara paġna 21 tal-atti tal-kawża), fejn sostniet li hi ma kellhiex għalfejn tħallas dan l-ammont għaliex dak li ġara ma kienx tort tagħha.

26. Minn dan kollu għalhekk jirriżulta ċar li Cassar Fuel Limited kienet ilha taf bil-pretensjoni tal-attriċi fl-ammont ta' €17,605.17.

27. Huwa veru li fl-ittri uffiċjali, li ntbagħtu mill-attriċi fl-20 ta' Lulju, 2007 (ara paġna 23 tal-atti tal-kawża), fl-10 ta' Ġunju, 2009 (ara paġna 25 tal-atti tal-kawża) u fit-8 ta' April, 2011 (ara paġna 26 tal-atti tal-kawża), ma ssemmiex l-ammont ta' €17,605.17, imma b'daqshekk dan ma jfissirx li l-

ammont ta' €17,605.17 ma kienx ġa ġie determinat. Wara kollox fir-rikors maħluf tagħha l-Korporazjoni Enemalta (illum Enemalta plc) talbet li hija tiġi mħallsa l-istess somma ta' €17,605.17, li l-Korporazzjoni Enemalta kienet indikat fil-fattura tal-4 ta' Diċembru, 2006 u fl-ittra tad-19 ta' Jannar, 2007, li ġew mibgħuta lill-kumpanija konvenuta.

28. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li għall-għanijiet tal-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili**, fil-każ tal-lum kien hemm obbligazzjoni għall-ħlas ta' somma determinata u f'dan is-sens għalhekk l-Ewwel Qorti qalet ħażin li l-kreditu mitlub mill-attriċi kien wieħed inċert jew illikwidu.

29. Peress li s-somma ta' €17,605.17 kienet waħda determinata sa mill-4 ta' Diċembru, 2006 skont il-fattura li ġġib l-istess data u peress li skont l-**Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili** l-imgħax fuq obbligazzjoni kummerċjali, bħalma hi dik tal-lum li tinvolvi operazzjoni tal-bastiment *Sacro Cuor*, jitlaq minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi mwettqa, allura l-imgħax fuq is-somma ta' €17,605.17 għandu jgħaddi mit-18 ta' Diċembru, 2006, meta għalaq il-benefiċċju taż-żmien li l-Korporazzjoni Enemalta kienet tat lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallas is-somma ta' €17,605.17.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell inċidentali mressaq mill-Enemalta plc u għalhekk tvarja s-sentenza appellata fis-sens biss li l-imgħax fuq is-somma ta' sbatax-il elf, sitt mija u ħames ewro u sbatax-il ċenteżmu (€17,605.17) għandu jitlaq mit-18 ta' Diċembru, 2006 u mhux mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Mill-bqija s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tibqa' kif inhi.

L-ispejjeż kollha marbuta mal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mill-kumpanija Cassar Fuel Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm